**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 20 ta' Awwissu 2017**

**Pulizija**

**Spettur Kylie Borg**

**Vs**

**Anton Joseph Debono**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Anton Joseph Debono ta' 16 il-sena, bin Richard u Emanuela xebba Galdes, imwieled ir-Russja nhar it-22 ta' Gunju, 2001, residenti 134, Glasgow, Triq l-Imdina, Zebbug u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 501201L;

Talli nhar id-19 t'Awwissu 2017, ghal-habta tal-17:30 ta' filghaxija, gewwa 134, Glasgow, Triq l-Imdina, Haz-Zebbug:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja t'ommu Emanuela Debono (membru domestiku) f'periklu car, ikkagunajt griehi ta' natura gravi, hekk kif iccertifika Dr. Sean Pace MD.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-20 t'Awwissu 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi l-imputat huwa minorenni, u ghalhekk jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tordna li jitqieghed taht ordni ta' probation ghal tlitt snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna wkoll il-hrug ta' ordni ta' trattament ghal tlitt snin ai ermini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**